MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2020

Rikors Maħluf Numru 104/2015 LM

**Carmelo Ellul Sr. (K.I. 511855M), Carmel Ellul Jr. (K.I. 83278M), Brian Farrugia (K.I. 56379M), u Stephanie Ellul (K.I. 29092M)**

***vs.***

**AX Hotel Operations Limited (C 40905) u Suncrest Hotels p.l.c. (C 8643) u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' April 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Elmein Limited (C 17341)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Frar, 2015 mill-atturi **Carmelo Ellul (K.I. 511855M)**, **Carmel Ellul (K.I. 83278M)**, **Brian Farrugia (K.I. 56379M)**, u **Stephanie Ellul (K.I. 29092M)** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Stephanie Ellul (K.I. 29092M), li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni u Raġuni tat-Talba:***

1. *Illi fit-13 ta' Novembru, 2011, meta l-atturi kienu alloġġjati fil-lukanda "Suncrest Hotel" ġewwa l-Qawra, sfaw infortunati meta għamlu użu minn wieħed mil-lifts tal-lukanda proprjetà tal-imħarrkin jew min minnhom u/jew immexxija u/jew ġestita mill-imħarrkin jew min minnhom;*

2. *Illi meta l-atturi kienu abbord tali lift, minħabba malfunzjonament u/jew difett fl-istess lift u/jew fl-impjant tiegħu, l-atturi ppreċipitaw 'l isfel għal diversi sulari fix-xejn, b'waqfien ħesrem bl-attivazzjoni ta'* emergency brake. *Dan wassal għal danni fuq il-persuna tal-atturi individwalment hekk kif ċertifikat minn Dr. Thomas Azzopardi (rapporti hawn annessi bħala Dok. A; Dok. B; Dok. Ċ u Dok. D);*

3. *Illi l-imsemmi infortunju seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tad-debiti regolamenti da parti tal-imħarrkin jew min minnhom;*

4. *Illi b'kaġun ta' dan l-inċident, l-atturi sofrew danni – fosthom telf ta' qligħ, diżabilità permanenti, u danni konsegwenzjali oħra (ħsara emerġenti u lukru ċessanti) – u dan hekk kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża. Għal tali danni għandhom jirrispondu l-imħarrkin, jew min minnhom;*

5. *Illi l-imħarrkin minkejja li ġew interpellati anke permezz ta' ittra uffiċjali datati 26.02.2013 (notifikata: 04.03.2013) u 07.11.2013 (notifikata: 13.11.2013) biex jersqu għall-assunzjoni ta' responsabbilità għall-akkadut u eventwali kwantifikazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-atturi, baqgħu passivi u inadempjenti (Dok. E u Dok. F);*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex l-atturi jitolbu rimedju u kumpens għall-preġudizzju soffert;*

7. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-atturi.*

***Talbiet***

*Għaldaqstant, jgħidu għalhekk l-imħarrkin għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra permessa mil-liġi u mogħtija l-provvedimenti u dikjarazzjonijiet opportuni, jogħġobha-*

1. *Tiddikjara illi l-imħarrkin, solidalment jew min minnhom, huma responsabbli għad-deskritt inċident li seħħ fit-13 ta' Novembru, 2011 meta l-atturi kienu alloġġjati fil-lukanda "Suncrest Hotel" ġewwa l-Qawra, u li b'konsegwenza tiegħu l-imħarrkin, solidalment jew min minnhom, huma passibbli għad-danni di fronti għall-istess atturi;*

2. *Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, illi l-atturi, per konsegwenza ta' dan l-inċident, sofrew danni, fosthom telf ta' qligħ, diżabilità permanenti, danni emerġenti u danni konsegwenzjali oħra;*

3. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-atturi;*

4. *Tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment jew min minnhom, iħallas l-ammont/i hekk likwidat/i bħala dovut/i in linea ta' danni lill-atturi.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tas-26.02.2013 (nru. 603/2013) u 07.11.2013 (nru. 3437/2013) u bl-imgħax legali kontra l-imħarrkin skont il-liġi, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni; b'riserva għal kull azzjoni oħra li tikkompeti lill-atturi skont il-liġi, jew l-aventi kawża tagħhom, kontra l-imħarrkin, jew l-aventi kawża tagħhom."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **AX Hotel Operations Limited** (C 40905) u **Suncrest Hotels p.l.c.** (C 8643) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Marzu 2015, u maħlufa minn Denise Xuereb (K.I. 127186M), li biha eċċepiet:

1. *Illi l-intimati ma jaħtux għall-inċident de quo u ma humiex responsabbli sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni reklamati. Dan inter alia għaliex l-esponenti użaw id-diliġenza kollha meħtieġa minnhom biex jiżguraw li l-lift kien stallat u baqa' mantnut korrettement sal-mument tal-inċident;*
2. *Illi d-danni allegatament sofferti huma fi kwalsiasi każ kontestati;*
3. *Illi fl-aċċertament tat-tort hemm il-ħtieġa li jiġu kjamati f'dawn il-proċeduri il-kumpannija ELMEIN Limited li ssuppliet u stallat il-lift in kwistjoni u li kienet inkarigata mill-manteniment tal-lift;*
4. *Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*FATTI*

1. *Illi dwar il-fatti dikjarati fl-ewwel żewġ paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi għandu jiġi ppreċiżat li għalkemm jirriżulta li seħħ l-inċident in kwistjoni dan ma kienx tal-gravità rappurtata mill-atturi u fil-fatt il-miżuri ta' emerġenza fuq il-lift ħadmu kif imiss;*

2. *Illi l-esponenti qabbdet ditta rinomata u li għandha esperjenza vasta fl-istallazzjoni ta' lifts lokalment sabiex tistalla lift u tifhem li dan il-lift ġie stallat skont is-sengħa u l-arti. L-intimata inkarigat ukoll kumpannija rinomata lokalment biex tispezzjona l-lift kull tant żmien u tgħid bħala fatt li safejn taf hi saru l-aċċertamenti u l-*maintenance *kollu rikjest mil-liġi u mis-sengħa. Madanakollu billi jidher li l-kwistjoni tirrigwarda l-funzjonament tal-lift għandhom jiġu kjamati in kawża l-persuni rilevanti sabiex jirrispondu huma wkoll jekk ikun hemm bżonn anke għaliex jista' jkun li hemm fatti u ċirkostanzi rilevanti li ma tafx bihom l-intimata;*

3. *Illi dwar ir-raba' paragrafu attriċi jingħad li d-danni reklamati għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi;*

4. *Illi l-intimati jgħidu li mhumiex responsabbli għall-inċident de quo u/jew għad-danni li talvolta jiġu ppruvati mill-atturi.*

Permezz ta' digriet tas-17 ta' April, 2015, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Elmein Limited (C 17341).

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-kjamata fil-kawża **Elmein Limited (C 17341)** (minn issa 'l quddiem "il-kjamata fil-kawża"), li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Novembru, 2015, u maħlufa minn Joseph Muscat (K.I. 288670M), bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

*"1.Illi preliminarjament, l-esponenti kjamata in kawża għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi m'hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn ir-rikorrenti għaliex l-involviment ta' Elmein Limited kien biss limitat għall-bejgħ u konsenja ta' tliet lifts lill-intimati jew min minnhom, liema lifts kienu effettivament ikkonsenjati, installati u kkummissjonati skont il-liġi u skont speċifikazzjonijiet imwiegħda (ara dokumenti fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-lifts, tal-*Final Inspection Certificates *u tas-*CE Conformity – *Dok. A – Ċ);*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' Elmein Limited huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, għal diversi raġunijiet fosthom, l-impossibilità illi l-lift in kwistjoni (wieħed minn tlieta mibjugħa lill-intimati jew min minnhom) waqa' diversi sulari fix-xejn, jew addirittura, skont kif allegat fir-rapporti mediċi, illi nqatgħu l-*cables *tal-lift;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ġunju, 2020, fejn il-partijiet ingħataw l-opportunità li jagħmlu n-noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qegħda tingħata llum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti mill-atturi wara infortunju li allegatament seħħ fit-13 ta' Novembru, 2011 fil-lukanda Suncrest, il-Qawra ġestita mis-soċjetajiet konvenuti, waqt li l-atturi kienu alloġġjati fl-imsemmija lukanda, u kienu qegħdin jagħmlu użu mil-*lift* li mis-seba' sular kellu jwassalhom għall-*ground floor,* meta kien hemm malfunzjonament jew difett fil-*lift,* bir-riżultat li dawn ippreċipitaw 'l isfel għal diversi sulari, sakemm ġie attwat l-*emergency brake,* u l-*lift* waqaf. L-atturi spjegaw kif b'riżultat ta' dan l-inċident u l-mod kif il-*lift* waqaf f'salt, huma sofrew danni fuq il-persuna tagħhom, u sostnew li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Min-naħa tagħhom is-soċjetajiet konvenuti eċċepew li mhumiex responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi għaliex huma użaw id-diliġenza meħtieġa u żammew il-*lift* fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Żiedu jgħidu li d-danni pretiżi mill-atturi qegħdin jiġu kkontestati, filwaqt li talbu għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Elmein Limited, li kienet il-kumpannija li forniet u installat il-*lift* in kwistjoni. Il-konvenuti qalu li l-miżuri ta' sigurtà fil-*lift* ħadmu kif suppost, u min-naħa tagħhom huma kienu ħadu ħsieb iqabbdu kumpannija rinomata għall-installazzjoni tal-*lift,* u ħadu ħsieb jassiguraw ukoll li dan il-*lift* kien qiegħed jiġi spezzjonat u mantenut regolarment skont ir-regolamenti applikabbli.

Is-soċjetà kjamata fil-kawża, Elmein Limited, eċċepiet li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-atturi. Qalet li min-naħa tagħha hija kienet ikkonsenjat u installat il-*lifts* skont l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fir-regolamenti Ewropej, u huwa impossibbli li l-inċident seħħ bil-mod deskritt fir-rapporti mediċi ppreżentati mill-atturi, jiġifieri billi kien hemm qtugħ fil-*cables* tal-*lift.*

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-atturi ppreżentaw kopja tar-rapporti tal-espert mediku *ex parte* Mr Thomas Azzopardi fir-rigward ta' kull wieħed minnhom.[1] Fir-rapport mediku dwar Carmelo Ellul Snr., intqal li b'konsegwenza tal-inċident, l-attur sofra feriti f'dahru u fir-riġel tax-xellug. Wara l-inċident Carmelo Ellul Snr baqa' jsofri minn uġigħ residwu f'riġlu tax-xellug u fil-parti t'isfel ta'

[1] *A fol.* 6 *et seq.* tal-proċess.

dahru, u baqa' jieħu pilloli għall-uġigħ fuq bażi regolari. Fil-parti konklussiva tar-rapport, Mr Azzopardi spjega li,

> *"The history given for events on 13th November 2011 was consistent with the injuries sustained. These include a bone contusion and medial meniscal tear to the left knee, and an exacerbation of his mechanical low back pain. Mr Carmelo Ellul still complained of residual symptoms in the left knee affecting his ability to walk long distances, and in his lower back with more frequent and severe exacerbations. Clinical examination revealed medial knee tenderness.*
>
> *As a result of the accident Mr Carmelo Ellul experienced physical pain and emotional upset. He underwent a lengthy rehabilitation, but still complained of symptoms affecting his ability to walk for long periods of time and to partake in leisure activities. He attended the Accident & Emergency Department and Orthopaedic outpatient clinics at Mater Dei Hospital, and he underwent an operative procedure on his left knee. His injuries had been managed and treated appropriately.*
>
> *Taking into account the nature of the injuries, I should conclude that no further improvement should be expected regarding the left knee injury. In the long term, he is at risk of developing osteoarthritis of the knee. In my opinion he has sustained a permanent disability of 4%."*

Fir-rapport mediku dwar Carmel Ellul Jnr.[2] ġie ikkonstatat li dan ukoll sofra minn korriment f'riġlu tal-lemin waqt l-inċident in kwistjoni, u minkejja s-sessjonijiet ta' terapija li għamel, huwa baqa' jsofri minn episodji ta' uġigħ li jaffettwawh fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Mr Thomas Azzopardi kkonkluda li b'konsegwenza tal-inċident, Carmel Ellul Jnr. ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti f'saqajh ta' 5%.

Fir-rapport mediku dwar Brian Farrugia[3], Mr Azzopardi qal li dan sofra feriti f'riġlu tal-lemin b'konsegwenza tal-inċident, u spjega li,

---

[2] *A fol.* 11 tal-proċess.

[3] *A fol.* 17 tal-proċess.

> *"Mr Brian Farrugia complained of residual symptoms in the right knee, with a burning pain over the posterior aspect of the right knee. He was recovering slowly, having undergone a right knee arthroscopy + partial medial meniscectomy 1 week previously. Overall he had minimal pain and was walking well with no limitation in his activities."*

Minkejja s-sessjonijiet ta' terapija li attenda għalihom Farrugia, dan xorta waħda baqa' jilmenta minn sintomi li jħoss meta jimxi fit-tul jew jeżerċita. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, Mr Azzopardi kkonkluda li Farrugia ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 3%.

Fir-rapport mediku dwar Stephanie Ellul[4], Mr Azzopardi qal li hija sofriet ġrieħi f'daharha waqt l-inċident u baqgħet issofri minn sintomi ta' uġigħ f'daharha, li jaffettwawha meta jkollha toqgħod bil-qiegħda għal ħinijiet twal. Fi kliem Mr Azzopardi,

> *"Clinical examination revealed residual lumbar spine stiffness and tendeness, as detailed above. An MRI of her spine showed multi-level disc herniations ... As a result of the accident Ms Stephanie Ellul experienced physical pain and emotional upset. She attended for physiotherapy, but still complained of residual symptoms ... Taking into account the nature of the injuries, I should conclude that no further improvement should be expected regarding her lower back. Miss Stephanie Ellul has been left with permanenti multi-level disc damage, causing mechanical low back pain. In the long term, she is at risk of suffering acute exacerbations of low back pain, and also lumbar radiculopathies. In my opinion she has sustained a permanent disability of 8%."*

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tal-ittri uffiċjali mibgħuta minnhom lis-soċjetajiet konvenuti[5], li permezz tagħhom interpellawhom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnhom.

---

[4] *A fol.* 21 tal-proċess.
[5] *A fol.* 26 u 27 tal-proċess.

Il-kjamata fil-kawża, flimkien mar-risposta tagħha ppreżentat kopja tal-formuli għar-reġistrazzjoni ta' *lifts* ġodda fir-rigward tal-liftijiet installati fil-lukanda fejn seħħ l-inċident[6], liema *lifts* ġie stabbilit li huma skont l-ispeċifikazzjonijiet maħruġa mill-Malta Standards Authority, flimkien ma' kopji tal-*final inspection certificate*[7], li jispeċifika li l-*lifts* installati fil-lukanda tas-soċjetajiet konvenuti jifilħu tmien persuni jew tagħbija ta' 640 kg, u li dawn jikkonformaw mar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016 xehed **Mr Thomas Azzopardi**[8], li spjega li huwa kien eżamina lill-atturi u dawn infurmawh li kienu f'lift ta' lukanda, u kien hemm inċident fejn inqatgħu l-*cables* tal-lift, bir-riżultat li l-*lift* waqa' f'daqqa u dawn instabtu mal-art. Ix-xhud spjega li kull wieħed mill-atturi baqa' jsofri minn diversi sintomi b'konsegwenza tal-inċident. Fir-rigward ta' Carmelo Ellul Snr., ix-xhud spjega li dan baqa' jsofri minn uġigħ f'dahru, minn sintomi fl-irkoppa kif ukoll minn tiċrita fil-*cartilege.* Spjega li f'dan il-każ, l-attur kellu xi problemi qabel l-inċident u wara l-inċident dawn ġew aktar aċċentwati, u l-perċentwali ta' diżabilità li ġie stabbilit li qiegħed isofri minnha dan l-attur tista' jiżdied f'każ li l-attur jiżviluppa artrite aktar 'il quddiem. Fir-rigward ta' Carmel Ellul Jnr., ix-xhud spjega li madwar sena qabel seħħ l-inċident, dan kien għamel intervent fuq il-*cruciate ligament*, u wara l-inċident dan kien reġa' beda jilmenta minn uġigħ fl-irkoppa. Ix-xhud spjega li meta investiga sab li t-tiċrit li kellu Ellul qabel għamel l-intervent sena qabel l-inċident, kien reġa' tfaċċa, u għalhekk ikkonkluda li dan it-tiċrit il-ġdid kien konsegwenza tal-inċident. Spjega li kien għalhekk li kien ikkonkluda li dan l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti

[6] *A fol.* 74 tal-proċess.
[7] *A fol.* 77 tal-proċess.
[8] *A fol.* 101 tal-proċess.

ta' 5%. B'riferiment għall-ġrieħi li sofra Brian Farrugia, ix-xhud qal li wara l-inċident, dan baqa' jilmenta minn uġigħ fl-irkoppa, u mill-MRI scan li sar fuqu, ġie stabbilit li dan kellu ġrieħi konsistenti ma' *high velocity injury.* Qal li s-sintomi residwi li għadu jsofri minnhom Farrugia, jammontaw għal debilità permanenti ta' 3%. Fir-rigward ta' Stephanie Ellul, ix-xhud qal li fil-ħin tal-inċident din kienet qiegħda ssofri minn xokk, iżda s-sintomi u l-uġigħ bdew iżidu mal-ħin. Qal li din baqgħet tilmenta minn uġigħ f'daharha u minn testijiet li sarulha ġie stabbilit li din kellha *multi-level disk profusions,* li x-xhud spjega li huma *slip disks* f'diversi livelli, li qal li mhumiex xi ħaġa komuni f'xi ħadd li għadu daqshekk żgħir fl-età, u li ma jagħmilx xogħol iebes. Qal li l-attriċi ser tibqa' ssofri minn uġigħ f'daharha għal tul ta' żmien, u għalhekk stabbilixxa li r-rata ta' debilità permanenti sofferta minnha hija ta' 8%.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016 xehed **David Saliba**, in rappreżentanza tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol[9], li qal li l-awtorità baqgħet ma ġietx infurmata b'dan l-inċident u għalhekk m'għamlet l-ebda investigazzjoni min-naħa tagħha. Ix-xhud qal li bil-liġi, kull min għandu *lift* fuq il-post tax-xogħol huwa obbligat li jiċċertifika dak il-*lift* kull sitt xhur, u kull sitt snin liftijiet bħal dawn iridu jiġu ttestjati b'mod rigoruż u ċċertifikati. Qal li mill-informazzjoni li għandha l-Awtorità, il-*lifts* li kien hemm installati fil-lukanda fejn seħħ l-inċident kienu kollha ċertifikati. Spjega wkoll li dawn mhumiex ċertifikati maħruġa mill-Awtorità, imma ċ-ċertifikati li ġew sottomessi lill-Awtorità għall-finijiet ta' konformità regolatorja. David Saliba kompla jixhed

[9] *A fol.* 113 tal-proċess.

waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2016[10], fejn esebixxa żewġ settijiet ta' ċertifikati fir-rigward tal-*lifts* installati fil-lukanda fejn seħħ l-inċident.[11]

L-attriċi **Dr Stephanie Ellul** xehdet waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2016[12], fejn qalet li hija u l-familja tagħha kienu marru *weekend break* fil-lukanda Suncrest fil-Qawra fi tmiem il-ġimgħa bejn il-11 u t-13 ta' Novembru, 2011. Qalet li huma kienu fis-seba' sular tal-lukanda, u l-inċident seħħ fl-aħħar ġurnata tagħhom f'din il-lukanda. Spjegat li ma setgħux jitilgħu kollha fl-istess *lift,* u kien għalhekk li hija telgħet fil-*lift* ma' missierha, ħuha u r-raġel ta' oħtha. Qalet li fil-*lift* magħhom kien hemm ukoll persuna ta' nazzjonalità barranija, u għalhekk jirriżulta li b'kollox huma kienu ħamsa fil-*lift* meta seħħ l-inċident. Ix-xhud spjegat li kif daħlu fil-*lift* u għafsu l-buttuna biex jinżlu fir-*reception,* missierha rrimarka li sema' ħoss partikolari, u dak il-ħin il-*lift* beda nieżel għal isfel *in free fall.* Qalet li meta l-*lift* waqaf, dan ma ġiex livell mal-art, iżda kien madwar metru 'l fuq mil-livell tal-*ground floor.* Ix-xhud qalet ukoll li meta waqaf il-*lift*, il-bieba tal-*lift* ma nfetħitx b'mod normali. Qalet ukoll li mal-waqgħa, hija bdiet iżżomm ma' *handle* li kien hemm fil-*lift,* u waqt li hija baqgħet dritta, ħuha ġie kokka fl-art, u qalet li ma tafx missierha u r-raġel ta' oħtha kif ġew. Qalet li kif infetħtet il-bieba tal-*lift* raw li kien hemm ħaddiema li jaħdmu fit-taqsima tal-manutenzjoni tal-lukanda li marru jagħtu l-għajnuna, u peress li l-*lift* waqaf madwar metru aktar 'il fuq mill-*ground floor,* huma kellhom bżonn l-għajnuna biex joħorġu mil-*lift.* Spjegat ukoll li sadanittant xi ħadd kien ċempel għall-ambulanza li ħadithom kollha l-isptar. Ix-xhud spjegat li fiż-żmien meta seħħ l-inċident hija kienet studenta fit-tielet sena tal-kors tal-liġi, u kienet taħdem

[10] *A fol.* 124 tal-proċess.
[11] *A fol.* 127 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 236 tal-proċess.

*part-time* mal-Burger King. Qalet li wara l-inċident hija kellha tieqaf taħdem għax ma setgħetx tibqa' ħinijiet twal fuq saqajha, u kienet tbati ħafna fiż-żmien meta kienet għadha tistudja l-Università għax ma setgħetx tagħmel tul ta' ħin bil-qiegħda. Spjegat ukoll li hija tħoss l-uġigħ meta tkun ilha ċertu ħin issuq, u ma tistax tilbes tkaken għal ħin twil. Ix-xhud spjegat li wara l-inċident hija baqgħet tbati minn episodji ta' uġigħ f'daharha, u minkejja li għamlet żmien tieħu l-mediċini kontra l-uġigħ, waslet għall-konklużjoni li kien ser ikollha titgħallem tgħix bil-kundizzjoni li żviluppat b'konsegwenza tal-inċident.

Fl-*affidavit* tiegħu **Carmelo Ellul Snr.** spjega[13] li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien *weekend break* mal-familja tiegħu ġewwa l-lukanda Suncrest fil-Qawra, u l-ħsieb tagħhom kien li joqogħdu fil-lukanda mill-Ġimgħa sal-Ħadd u l-inċident seħħ il-Ħadd filgħodu. L-attur qal li l-kmamar tagħhom kienu kollha fis-seba' sular tal-lukanda, u fil-ħin tal-inċident huwa kien sejjer għall-kolazzjon flimkien ma' uħud mill-membri tal-familja tiegħu. Qal li l-membri l-oħra tal-familja għamlu użu minn *lift* ieħor biex jinżlu isfel. Qal li hekk kif il-*lift* beda nieżel, huwa sema' ħoss li ma kienx pjaċevoli, u f'daqqa waħda l-*lift* beda nieżel f'salt, u meta waqaf kien hemm impatt qawwi, tant hu hekk li l-persuni kollha li kienu fil-*lift* ħassew tisbita għax il-*lift* niżel f'daqqa u waqaf zoptu. Qal li l-veloċità li niżel biha l-*lift* ma kinitx waħda normali, u meta waqaf, il-*lift* baqa' madwar metru 'l fuq mill-*ground floor.* Qal li huma u neżlin fil-*lift,* huwa ħassu jinqata' minn saqajh, u d-daqqa ħassha f'saqajh, għalkemm ma waqax għaliex kien hemm pum u żamm miegħu. Kompla jgħid li ibnu Carmel u r-raġel ta' bintu Brian Farrugia sabu ruħhom mal-art bid-daqqa, u bintu Stephanie kienet tidher li ħadet xokk qawwi. Ix-xhud kompla jgħid li ma kienx faċli għalihom li joħorġu

[13] *A fol.* 248 tal-proċess.

mil-*lift,* u qal li xi ħadd kien ġab xi siġġu jew siġġijiet biex jgħinhom joħorġu mil-*lift*. Qal li l-bieb tal-*lift* seta' jinfetaħ biss bl-intervent tal-ħaddiema tal-manutenzjoni tal-lukanda, u xi ħin wara, waslet l-ambulanza li ħadithom l-isptar. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li wara l-inċident huwa baqa' jsofri minn uġigħ f'saqajh u f'irkopptejh, u m'għadux jista' jimxi kif kien qabel. Qal ukoll li wara din it-trawma huwa għadu jibża' jagħmel użu mil-*lifts.*

Fl-*affidavit* tiegħu **Carmel Ellul Jnr.**[14] ikkonferma d-dettalji li ta missieru fl-*affidavit* tiegħu. Qal illi għall-ewwel il-*lift* beda niżel gradwalment, imma hekk kif wasal fil-ħames sular, f'daqqa waħda bħal qisu nqata' xi ħaġa u l-lift niżel f'daqqa 'l isfel. Żied jgħid li mat-tisbita tal-*lift* hu waqa' għarkopptejh. Qal li dak il-ħin ħass uġigħ kbir u ma setax jiċċaqlaq mill-pożizzjoni li ġie fiha. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li meta l-*lift* waqaf, il-bieba tal-*lift* kellha tinfetaħ mill-ħaddiema tal-manutenzjoni, u malli nħarġu mil-*lift* kien hemm numru ta' persuni li tawhom is-siġġijiet biex ipoġġu minħabba li ma setgħux jagħmlu saqajhom mal-art. Qal li wara dan l-inċident huwa baqa' jibża' jagħmel użu mil-*lifts,* imma fl-istess ħin ma jistax jitla' ħafna turġien, u għalhekk kull darba li jkollu juża *lift* taqbdu rogħda kbira. Spjega kif wara l-inċident hu ma jistax jinżel kokka jew joqgħod għarkopptejh, u għadu jbati ħafna biex jitla' u jinżel mill-karozza. Qal li anki biex jagħmel ix-xogħol tiegħu li jinvolvi t-tiswija ta' ħsarat fuq magni tal-vetturi, ikun hemm drabi meta jkollu jiddependi fuq ħaddieħor.

Fl-*affidavit* tiegħu **Brain Farrugia**[15] spjega li x'ħin waqa' l-*lift*, l-impatt kien wieħed kbir ħafna, u hu ħa daqqa kbira f'irkopptejh, għalkemm qal ukoll li bħall-atturi l-oħra dak il-ħin kellu xokk qawwi fuqu u għalhekk ma jiftakarx eżatt

[14] *A fol.* 250 tal-proċess.
[15] *A fol.* 252 tal-proċess.

x'kien ġara. Ix-xhud qal li dan l-inċident għadu jaffettwah sal-lum, għaliex kellu jillimita l-attivitjiet tiegħu partikolarment minħabba l-uġigħ li jħoss.

Fl-*affidavit* tagħha **Josephine Ellul**[16] spjegat li dakinhar tal-inċident, hi u żewġha Carmelo Ellul Snr. kienu *weekend break* fil-lukanda Suncrest flimkien mal-familja kollha tagħhom, bit-tfal u n-neputijiet. Qalet li l-kamra li kienu fiha kienet fis-seba' sular, u sabiex jinżlu għall-kolazzjon kellhom jitqassmu f'żewġ *lifts* għaliex ma setgħux joqgħodu kollha f'*lift* wieħed. Qalet li hija niżlet isfel qabel l-atturi, u waqt li kienet għadha qiegħda tistenna isfel, semgħet ħoss qawwi, għalkemm ma setgħetx tifhem minn liema *lift* kien ġej il-ħoss. Spjegat li fil-viċinanzi tal-*lift* kien hemm kamra li kienet tintuża mill-ħaddiema tal-*maintenance* tal-lukanda, u marret titlob l-għajnuna hemmhekk. Qalet li ħaddiem tal-*maintenance* ġab xi għodda mill-kamra tiegħu u beda jipprova jiftaħ il-bieba tal-*lift* biha. Minn barra dak il-ħin setgħet tisma' lil żewġha u lil uliedha jgħajtu. Kompliet tgħid li minbarra dan il-ħaddiem kien hemm ukoll *receptionist* li marret tagħti l-għajnuna tagħha, u hekk kif infetaħ il-bieb tal-*lift,* deher ċar li l-lift ma ġiex livell mal-art, imma baqa' madwar metru 'l fuq. Ix-xhud kompliet tgħid li l-atturi kollha kellhom bżonn l-għajnuna biex joħorġu mil-*lift,* partikolarment Carmel Ellul Jnr. u Brian Farrugia, li mal-waqgħa spiċċaw mal-art. Ix-xhud żiedet tgħid li ftit wara l-inċident, hija semgħet lill-ħaddiem tal-*maintenance* jirrimarka mar-*receptionist* li hu kien ilu jwissi li dawn il-"*lifts* kienu waslu".

Waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2016 xehed **Joseph Vella**[17], li qal li meta seħħ l-inċident huwa kien *general manager* tal-lukanda Suncrest Hotel p.l.c.,

[16] *A fol.* 254 tal-proċess.
[17] *A fol.* 257 tal-proċess.

imma dakinhar li seħħ l-inċident huwa ma kienx qiegħed fuq il-post. Qal li l-inċident seħħ għaliex il-*lift* waqaf fuq l-*emergency brake.* Qal li x'ħin daqq l-*alarm,* wieħed mit-*technicians* mar jiftaħ il-*lift*. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident, kienet ġiet ikkuntattjatha s-soċjetà Elmein Limited sabiex tibgħat ħaddiema jagħmlu spezzjoni mill-ġdid tal-*lift* u jiċċertifikawh, u kien sar rapport mill-Inġinier Ray Spiteri. Qal li skont ir-rapport tal-inġinier, kien hemm xi *crossbars* li kienu tgħawġu meta ddaħħlu l-*emergency brakes.* Ix-xhud qal li ma kienx jaf il-*lifts* in kwistjoni kemm kienu ilhom installati, iżda qal li madwar sentejn qabel, iġifieri fl-2014, kienet sar *refurbishment* tal-lukanda fejn kienu nbidlu l-*lifts* kollha.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 xehed l-**Inġinier Ray Spiteri**[18], li qal li huwa kien ħejja rapport madwar sena u nofs wara li seħħ l-inċident. Qal li rappreżentanti tal-lukanda kienu tawh rapport tal-inċident, u talbuh iħejji rapport tekniku dwar x'seta' ġara dakinhar tal-inċident. Ix-xhud spjega li l-*lift* in kwistjoni kien mgħammar b'*safety feature,* speċi ta' *gear* li ġie ngaġġat meta kien hemm il-*freefall.* Spjega li hekk kif il-*lift* iħoss li hemm *overspeeding,* dan jingaġġa s-*safety gear* b'mod awtomatiku. Fi kliem ix-xhud,

> "Meta nitkellmu *freefall,* ħa nkun eżatt għax *freefall* hija kelma ġenerika. *Nominal speed* tal-lift huwa 1.6m/s, jiġifieri l-lift qabeż 10% *above* 1.6m/s għax hemm dak li huwa *speed governor* u kif l-*ispeed governor which is a mechanical thing electronic* għax fil-*lift* ikollok *electric u mechanic thing* u din hija parti mekkanika, għalhekk għidtilkom il-bibien m'għandhomx x'jaqsmu. Kif iħoss aktar minn 1.6, jiġifieri 1.7m/s, jingaġġja, jiftaħ, *it's a mechanical thing* u jidħol il-*brake.* Jiġifieri dik hija l-*freefall.* Issa *most probably* dan li ġara hija li kif qabeż is-*centre line* tal-lukanda tal-*lift shaft,* mhux għax kien hemm *overboard* fil-gabina u rrid nagħmilha ċara u hawnhekk qiegħda miktuba. Ma kienx hemm nies aktar milli suppost. Imma minħabba l-*load* tan-nies, il-*weight* tal-*wire ropes* u maż-żmien, tilef it-*traction.* Dan għandek *pulley,* tilef it-

[18] *A fol.* 267 tal-proċess.

> *traction,* kien hemm mument kif spjegaw in-nies ukoll, bejn 0 u 1, jew 1 u 0 u tilef it-*traction.* Tela' *speed* 1.76m/s, igganċja, *it's a progressive brake,* jiġifieri mhux qisk żammejt brake ta' karozza u toħroġ mit-tieqa. Min qiegħed ġo fih iħossu litteralment *being dragged down* għax il-lifts ma jiqfux bħall-brake ta' karozza, poġġejt saqajk anzi l-kuntrarju *it gives you a bit,* għandek bejn wieħed u ieħor qisu 400 mm ta' *drag* wara li l-*brake* li daħal."

Ix-xhud qal li meta spezzjona l-*lift* għall-finijiet tar-rapport li ried iħejji, dan kien qiegħed jaħdem, u qal ukoll li hu ma sabx partijiet minnu mgħawġin. Qal ukoll li l-*lift* installat fil-lukanda ma kienx l-aqwa tip ta' *lift* li hawn fis-suq, imma kien adegwat għall-użu maħsub għal dan it-tip ta' *lift* li huwa wieħed kummerċjali. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonstata hu, kien sab li l-materjal użat fil-partijiet kollha tal-*lift* kien wieħed adegwat, u dan kien ġie ċċertifikat minn inġinier li jaħdem ma' kumpannija Spanjola skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Qal li meta hu kien għadda kumment li d-disinn tal-*lift* ma kienx fih *compensating chain,* l-inġinier Spanjol kien qallu li d-disinn partikolari tal-kumpannija tagħhom huwa dak. Ix-xhud qal li l-lukanda Suncrest xtrat il-*lifts* mingħand Elmein Limited, u li Elmein kienet talbet lis-*supplier* tagħha Inauxa Limited tiddisinjalha tliet *lifts* sabiex jiġu installati għall-użu hawn Malta. Kompla jgħid li dawn il-*lifts* ġew iddisinjati skont l-i*standards* u r-regoli tal-Unjoni Ewropea, u kienu l-Ispanjoli li ġew Malta u waħħluhom. Qal li wara l-inċident, il-kumpannija Spanjola bdiet twaħħal *compensating chain* fil-mekkaniżmi tal-*lifts* tagħha, u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni ta' *loss of traction.* Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud spjega li f'dan il-każ, il-waqgħa kienet waħda ta' aċċellerazzjoni tal-veloċità ta' aktar minn 10% tal-veloċità normali tal-*lift*. Kompla jgħid li s-sensazzjoni hija waħda qawwija anki f'ċirkostanzi normali fejn wieħed jinżel mis-seba' sular għall-*ground floor,* għaliex hija sensazzjoni li wieħed mhux imdorri biha. Ix-xhud ippreżenta kopja

tar-rapport imħejji minnu[19], fejn ikkonstata li l-*lift* tpoġġa fil-post skont ir-rekwiżiti tal-Avviż Legali 370 tal-2002, u CE95/16. Qal li l-komponenti kollha tas-sigurtà tal-*lift* ġew ittestjati u nstabu li jikkonformaw mar-regolamenti, u hu seta' jikkonstata wkoll li dan il-*lift* jiġi spezzjonat kull sitt xhur kif jitolbu r-Regolamenti. Żied jgħid li lil dan il-*lift* kienet issirlu manutenzjoni regolari mill-kumpannija Elmein Limited. Ix-xhud qal li l-inċident ma seħħx minħabba nuqqas ta' użu tajjeb tal-lift, u n-numru ta' passiġġieri fil-*lift* fil-ħin tal-inċident kien fil-limiti tal-kapaċità ta' dan il-*lift.* Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, ix-xhud kiteb illi,

> *"The safety gear in the down direction was engaged due to abnormal/uncontrolled downward movement caused by slippage on the traction sheave. The probable root cause of the incident is that the additional differential weight of the wire rope is critical as the travel distance is 27m and hence may have caused slippage to occur (traction loss). It is the norm that when a lift has a travel distance exceeding 30m, compensating chains are installed in order to compensate this differential.*
>
> *The manufacturer of the lifts (Inauxa) has revised again the design parameters and in view of the abnormal engagement of the safety gear they provided for the installation of the compensating chains on all three lifts."*

L-atturi ppreżentaw prospetti tad-danni sofferti minn kull wieħed minnhom b'mod separat.[20]

Waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2017, reġa xehed **Joseph Vella**[21], u esebixxa kopja tar-rapport tal-inġinier Ray Spiteri, kopja tar-rapport tal-*house manager* li kienet xogħol dakinhar tal-inċident, kopja tar-rapport tat-*technician,* u ċ-*checklists* tal-manutenzjoni u kopja tar-rapporti kollha rigward il-lift in

[19] *A fol.* 288 tal-proċess.
[20] *A fol.* 295 *et seq.* tal-proċess
[21] *A fol.* 327 tal-proċess.

kwistjoni.[22] Ix-xhud qal li huwa ma jafx x'inhi r-raġuni għalfejn ir-rapporti tekniċi damu madwar sentejn biex saru. Ix-xhud qal li l-Inġinier Spiteri minn żmien għal żmien jintalab jiċċertifika l-*lifts* kollha tal-lukanda, u qal li għalkemm ir-rapport tal-Inġinier Spiteri ġie redatt madwar sena u nofs wara li seħħ l-inċident, il-kuntatt ma' dan l-Inġinier sar dik il-ġimgħa stess li kien seħħ l-inċident. L-istess xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2017[23], fejn qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-*maintenance manager* kien ċertu Carmel Azzopardi. Ix-xhud qal li hemm obbligu legali li ssir ċertifikazzjoni tal-liftijiet kull sitt xhur. Qal li wara li seħħ l-inċident kienet ġiet infurmata s-soċjetà Elmein Limited b'dak li kien ġara. Fi kliem ix-xhud, "L-Elmein kien irrapporta li l-*lift* kien ġie *damaged,* li kien daħal l-*emergency brake* u x-*chassis cross-bars* li sabu mgħawġin, wara l-inċident kienu neħħewhom u ħaduhom għar-*repairs."* Ix-xhud qal li wara l-inċident, il-lukanda kienet għamlet xi żmien magħluqa għax-xhur tax-xitwa. Ix-xhud qal li meta jiddaħħal l-*emergency brake* mhux suppost li jweġġgħu n-nies. Qal li kien biss wara l-inċident li l-Inġinier Spiteri ikkuntattja l-manifatturi tal-*lifts* u dawn issuġġerew li jitwaħħlu *compensation chains,* u wara li twaħħlu dawn reġgħu ġew ċertifikati mill-inġinier.

Permezz ta' nota pprezentata mill-atturi fis-26 ta' Ġunju, 2017, dawn ippreżentaw numru ta' irċevuti b'rabta mal-ispejjeż mediċi inkorsi minnhom in segwitu għall-inċident.[24] Ippreżentaw ukoll kopji taċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom bħala prova tal-età tagħhom fiż-żmien meta seħħ l-inċident.[25]

[22] Esebiti *a fol.* 334 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 347 tal-proċess.
[24] *A fol.* 355 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 379 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2017 xehed **Joseph Muscat**, direttur ta' Elmein Limited[26], kumpannija speċjalizzata fil-qasam tal-liftijiet u l-manutenzjoni tagħhom. Ix-xhud spjega li l-kuntratt li Elmein Limited kellha ma' Suncrest Hotel kien rigward il-manutenzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-*lifts* kull sitt xhur. Qal li l-*lifts* ġew installati minn Elmein Limited u kien għalhekk li l-manutenzjoni baqgħet issir mill-istess kumpannija. Ix-xhud qal li huwa kien ġie mgħarraf bl-inċident tat-13 ta' Novembru, 2011 u wara li saret investigazzjoni minn impjegati ta' Elmein Limited, instab li kien ġie attivat l-*emergency brake.* Spjega li l-*emergency brake* jiġi attivat meta jkun hemm ċaqliq fil-gabina u li dan huwa *safety feature,* li f'dan il-każ ħadem.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Thomas Dimech**, *head technician* ma' Elmein Limited[27], li kkonferma li kull sitt xhur issir spezzjoni tal-*lifts* mill-inġiniera tal-kumpannija. Qal li xogħlu mhux li jagħmel l-ispezzjonijiet iżda li jsewwi l-ħsarat, u f'dan il-każ ma jafx jekk kienx mar hu jew kienx mar xi ħaddieħor isewwi l-ħsara wara l-inċident in kwistjoni.

Il-kontro-eżami ta' **Joseph Muscat** sar waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2018.[28] Qal li l-kuntratt ta' manutenzjoni mas-soċjetajiet konvenuti kien għal sena sħiħa, u kull sena kienu jsiru tliet spezzjonijiet tal-*lifts*. Ix-xhud spjega li l-għada li seħħ l-inċident huwa ġie msejjaħ sabiex jara xi ħsara kien hemm. Qal li meta mar fuq il-post, sab li l-*lift* kien qiegħed jaħdem, imma dan kellu żewġ ħadidiet tal-gabina mgħawġin. Ix-xhud qal li dawn iż-żewġ ħadidiet kienu mgħawġin għaliex xi ħadd kien tela' biex joħroġ lin-nies li kienu fil-*lift* fil-ħin tal-inċident, u allura fetħu l-*brake* tal-mutur. Qal li l-*brake* ma daħalx fil-ħin tal-inċident, li

[26] *A fol.* 391 tal-proċess.
[27] *A fol.* 395 tal-proċess.
[28] *A fol.* 400 tal-proċess.

jfisser li ma kienx hemm *overspeeding* biżżejjed biex jidħol il-*brake.* Ix-xhud qal ukoll li l-molol fil-pit mhux bilfors weħlu dakinhar tal-inċident, u dawn setgħu weħlu xi darba oħra. Ix-xhud iċċara li meta waslu l-ħaddiema tal-kumpannija Elmein Limited, dawn sabu l-*lift* wieqaf għax kien twaqqaf min-naħa tal-lukanda, imma qal li dan seta' jitħaddem mill-ħaddiema li marru fuq il-post.

Permezz ta' nota tat-22 ta' Jannar, 2018[29], is-soċjetà Elmein Limited ippreżentat kopja tal-*job sheet* dwar l-ispezzjonijiet li saru fil-lukanda Suncrest fis-sena meta seħħ l-inċident in kwistjoni[30], kopja ta' *specimen maintenance agreement* li l-kumpannija kienet tuża dak iż-żmien, kif ukoll kopja ta' *email* ta' Joseph Muscat li tinkludi informazzjoni dwar il-persuna li kienet fuq il-post tal-inċident meta saret l-ispezzjoni tal-*lift* in kwistjoni l-għada tal-inċident.

**Joseph Muscat**, direttur ta' Elmein Limited, fl-*affidavit* tiegħu[31] qal li s-soċjetà Elmein Limited ġiet stabbilita fl-1994, bl-iskop li timporta liftijiet mis-swieq internazzjonali għall-klijenti lokali. Qal li s-servizzi tal-kumpannija jinkludu l-installazzjoni ta' *lifts*, u l-manutenzjoni regolari tagħhom f'każ li l-klijent ikun daħal f'*maintenance agreement* mal-kumpannija. Qal li l-lukanda Seashells Resort at Suncrest kienet xtrat tliet *lifts* mingħandhom, tal-marka Spanjola Inauxa Comercial, S.a. Spjega li dawn il-*lifts* ġew manifatturati fl-2007, u l-*final inspection certificate* relattiv ħareġ fil-25 ta' Mejju, 2007. Kompla jgħid li l-manutenzjoni tal-*lifts* kollha installati fl-imsemmija lukanda kienet issir tliet darbiet fis-sena, u darba kull sitt xhur kienet issir spezzjoni minn inġinier. Qal ukoll li l-kumpannija Elmein Limited saret taf li kien hemm inċident li jinvolvi *lift*

[29] *A fol.* 411 tal-proċess.
[30] *A fol.* 412 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li kienet saret spezzjoni tal-liftijiet fil-lukanda madwar 24 ġurnata qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.
[31] *A fol.* 437 tal-proċess.

ipprovdut minnha fl-4 ta' Ġunju, 2014, meta huma rċevew ittra uffiċjali mingħand AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels plc, fejn wara li nfurmawhom bl-inċident tat-13 ta' Novembru, 2011, u bil-pretensjoni tal-atturi kontra tagħhom, infurmawhom ukoll li "kwalunkwe debilità permanenti u danni sofferti u li jridu jiġu sofferti tirriżulta li hija riżultat ta' traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' sengħa u inadempjenza mal-liġi" min-naħa tal-kjamata fil-kawża, u għalhekk talbuha tersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' dawn id-danni. Ix-xhud kompla jgħid li qabel l-inċident l-*lift* in kwistjoni kien ġie spezzjonat regolarment, u żied jgħid li s-soċjetà Elmein Limited issejħet fuq il-post l-għada tal-inċident, wara li ġiet infurmata li kien hemm xi ħsarat fil-*lift*. Imma qal li l-kjamata fil-kawża qatt ma ġiet infurmata li kien seħħ inċident u li kienu weġġgħu xi nies fuq il-post. Qal li mill-*jobsheets* jirriżulta li l-*cross members* tal-lift kienu mgħawġin, u dawn issewwew u reġgħu twaħħlu jumejn wara. Qal li ma jirriżultax li kien daħal l-*emergency brake* tal-*lift*, u fil-fatt sabu li dan kien jaħdem, imma bil-*cross members* mgħawġin. Qal li jista' jkun li l-*emergency brake* ġie attivat, u meta l-ħaddiema ħarġu lin-nies mill-kabina, dawn ħallew il-*lift* jinżel fuq il-*cross members.* B'riferiment għax-xhieda ta' Mr Thomas Azzopardi li ddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident, ix-xhud qal li ma jistax ikun li dan l-inċident seħħ bil-mod deskritt minn dan l-espert mediku, u qal li xi affarijiet li ntqalu "għandhom mill-fantaxjenza". Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-*machine room* tal-*lifts* installati minn Elmein, u ta' *lifts* oħra installati fil-lukanda Suncrest, ma kinitx tkun imsakkra u kulħadd seta' jkollu aċċess għaliha. Qal li b'daqshekk ma jridx jinftiehem li kien hemm xi att ta' sabutaġġ, imma f'dan il-każ ma seta' jeskludi xejn għaliex bħala kumpannija huma m'għandhomx kontroll fuq min jidħol u joħroġ fil-*machine room.*

L-espert mediku ġudizzjarju **Mr Ray Gatt** ippreżenta r-rapport tiegħu fir-rigward tal-attur Brian Farrugia fis-16 ta' Frar, 2018[32], fejn qal li wara l-inċident, dan għadu jħoss għejja fl-irkoppa tal-lemin, tfaqqigħ f'irkopptu, u kultant jogħtor. Spjega li għadu ma jistax jitla' t-taraġ b'mod komdu, u biex jitla' jkollu jżomm mal-poġġaman, u jbati biex jinżel it-taraġ. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Gatt qal:

> "Fil-preżent, Brian Farrugia għadu jbati minn problemi ta' uġigħ fiż-żewġ irkupptejn. Hu ammetta li kellu problema fl-irkoppa tax-xellug qabel l-inċident tal-2011 imma li tal-lemin ma kellux problemi fiha. L-aċċen però tal-pazjent kienet fuq l-irkoppa tal-lemin u l-eżaminazzjoni tiegħu kienet iffokata fuq dan il-ġog. Iżda l-problema fl-irkopptejn hija l-istess u hija bidu ta' artrite. Fil-fatt il-muskoli għandhom l-istess *bulk* fuq iż-żewġ naħat u għandhom l-istess movimenti. Fuq l-istess argument, MRI tal-irkoppa tal-lemin meħud fl-2017 kien l-istess bħal dak li kien sar fl-2012. Dan jindika li l-problema li kien hemm fl-irkoppa tal-lemin kienet statika u ma kienx hemm deterjorazzjoni fl-irkoppa fuq medda ta' ħames snin.
>
> Għaldaqstant ma jidhirlix li Brian Farrugia sofra xi diżabilità fuq l-irkoppa tal-lemin ikkawżata mill-inċident li kellu fl-2011."

Fir-rigward tal-attriċi Stephanie Ellul, l-espert mediku ġudizzjarju kkonstata fir-rapport tiegħu[33] li konsegwenza tal-inċident, din għadha ssofri minn problemi sostanzjali f'daharha li qegħdin ixekkluha fil-ħajja tagħha ta' kuljum. Spjega li l-uġigħ f'daharha huwa wieħed kontinwu, u tħossu kemm meta timxi kif ukoll meta tkun bil-qiegħda, u li mill-eżaminazzjonijiet li saru ta' daharha, rriżulta li kien hemm xi ebusija f'kull moviment tad-dahar. Qal li mill-MRI li ttieħed wara l-inċident, jirriżultaw problemi f'kull livell tas-sinsla tad-dahar, u dak li seta' jikkonstata mhux normali għas-sinsla ta' persuna ta' għoxrin sena. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu Mr Gatt spjega illi,

---

[32] *A fol.* 440 tal-proċess.
[33] *A fol.* 444 tal-proċess.

"... għalkemm l-MRI wera problemi fis-sinsla kollha, bl-istess problema qiegħda preżenti fil-parti ċervikali, toraċika u lumbari, il-problemi sintomatiċi tagħha llum kienu limitati biss għall-parti toraċika u lumbari. Għaldaqstant jidhirli li Stephanie Ellul sofriet diżabilità li affettwat lil daharha, partijiet toraċika u lumbari, kawża tal-inċident li kelha fl-2011 ta' 10%. Dawn jinqasmu 5% fis-sinsla toraċika (Table 15-4, DRE Lumbar Category II 5%-8% Impairment of the Whole Person) u 5% fis-sinsla lumbari (Table 15-3, DRE Lumbar Category II 5%-8% Impairment of the Whole Person)."

Fir-rapport mediku rigward Carmel Ellul Jnr.[34], Mr Gatt spjega li dan għadu jbati minn uġigħ fl-irkoppa tal-lemin u minn limitazzjonijiet fil-kwalità tal-ħajja tiegħu minħabba f'hekk. Mr Gatt qal li kien diffiċli għalih li jkejjel id-diżabilità permanenti sofferta minnu minħabba l-inċident tal-2011, għaliex dan kien diġà opera din l-irkoppa darba oħra. Mr Gatt ikkonstata li Carmel Ellul Jnr. għandu l-muskoli tal-koxxa tal-lemin li huma niexfa, u qal li dan jista' jkun li seħħ minħabba li kien qata' l-ligament qabel l-inċident, għalkemm jista' jkun ukoll li dan ġie kkawżat mill-inċident tal-2011. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, l-espert Mr Gatt spjega illi,

"Mod ġeneriku li l-*quantum* jista' jitkejjel hu li tieħu l-istat tal-irkoppa tax-xellug kif kienet qabel l-inċident tal-2011. Din kellha operazzjoni ta' *anterior cruciate ligament reconstruction.* Din tajtha rata ta' diżabilità ta' 3%. Wara l-inċident tal-2011, il-pazjent kellu bżonn operazzjoni fuq din l-irkoppa fejn kien hemm bżonn ta' *partial meniscectomy.* Din għandha diżabilità ta' 4%. Id-differenza ta' diżabilità kkawżata mill-inċident tal-2011 allura tista' tkun ikkostata għal 1%, li hi d-differenza (Table 17 – 33, Impairment Estimates for Certain Low Extremity Impairments)."

Fir-rapport mediku rigward Carmel Ellul Snr.[35], Mr Gatt spjega li wara l-inċident, dan l-attur għadu jsofri minn uġigħ fil-pali ta' saqajh it-tnejn. Qal li huwa ma sabx problemi ta' nixfa fil-muskoli jew li l-problemi li għandu l-attur qegħdin

[34] *A fol.* 449 tal-proċess.
[35] *A fol.* 454 tal-proċess.

iwaqqfuh milli jagħmel attivitajiet ta' kuljum, u spjega li għalhekk ma jistax jikkonkludi li l-attur sofra debilità permanenti kawża tal-inċident tal-2011.

L-eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju Mr Ray Gatt saret waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018.[36] Dan spjega li fir-rigward ta' Carmel Ellul Jnr., huwa kkonstata li dan kien diġà ġie operat fl-irkoppa tal-lemin tliet darbiet, u kien għalhekk li sabha diffiċli jikkwantifika d-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident, għaliex huwa ma kienx jaf minn liema rata ta' diżabilità kellu jibda. Spjega li dan l-attur kellu operazzjoni għaliex kien qata' l-ligament, u dan il-fatt waħdu kien ser iwasslu biex jibda jsofri mill-artrite qabel persuni oħra tal-età tiegħu, irrispettivament minn jekk ġiex operat jew le. Qal li l-attur diġà kellu problema fl-irkoppa fil-mument li daħal fil-*lift*, u li din kienet tagħtih diżabilità permanenti ta' 3%. Qal li għalhekk huwa wasal għall-konklużjoni li b'konsegwenza tal-inċident l-attur sofra debilità permanenti ta' 1%. B'riferiment għall-attur Brian Farrugia, ix-xhud qal li qabel l-inċident dan kien diġà jbati minn uġigħ fl-irkoppa, u għalhekk ma jirriżultax li dan kellu xi problemi li żviluppaw minħabba l-inċident. B'riferiment għall-attriċi Stephanie Ellul, Mr Gatt qal li huwa sab li din kellha *discompetence* f'kull segment tas-sinsla, xi ħaġa li mhijiex normali għal persuna tal-età tagħha. Żied jgħid li l-fatt li ma sab l-ebda evidenza li din għamlet eżamijiet mediċi minħabba daharha qabel seħħ l-inċident, wasslu għall-konklużjoni li din il-problema f'dahar l-attriċi skattat b'konsegwenza diretta tal-inċident.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar, 2019, Mr Ray Gatt ippreżenta *addendum* għar-rapport rigward Carmel Ellul Jnr. ippreżentat fis-26 ta' Ġunju,

[36] *A fol.* 465 tal-proċess.

2017[37], fejn l-espert mediku ġudizzjarju għal darb'oħra spjega li qabel l-inċident l-attur diġà kellu intervent kbir f'irkopptu, u għalhekk l-attur diġà kien qiegħed isofri minn debilità ta' 3% qabel seħħ l-inċident. Kompla jgħid li l-operazzjoni ta' *medial* u *lateral partial meniscectomy* għandha diżabilità massima ta' 4%, u peress li l-attur kien operat tliet darbiet oħra, huwa għażel il-massimu li tagħti din il-kategorija, sabiex b'hekk hemm differenza ta' 1% bejn qabel l-inċident u wara.

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar, 2019, il-Qorti ħatret tliet esperti mediċi addizzjonali sabiex jirrelataw dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħa tal-atturi Brian Farrugia, Carmel Ellul Snr. u Carmel Ellul Jnr. L-esperti mediċi addizzjonali Mr Ryan Giordimaina, Mr Alistair Pace u Mr Carmel Sciberras ippreżentaw ir-rapporti tagħhom waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2019.[38]

Fir-rigward tal-attur Carmel Ellul Snr. L-esperti mediċi addizzjonali kkonkludew li konsegwenza tal-inċident, dan l-attur sofra ħsara fl-irkoppa x-xellugija u li aktarx li ser jiġi aċċellerat il-proċess li ser iwasslu biex jiżviluppa artrite minħabba l-inċident. Huma kkonkludew li konsegwenza tal-inċident, dan l-attur sofra debilità permanenti ta' 4%.

Fir-rigward tal-attur Brian Farrugia, l-esperti mediċi addizzjonali kkonkludew fir-rapport tagħhom[39] li l-inċident aktarx li ħaffef il-proċess li bih dan l-attur ser jiżviluppa artrite fl-irkoppa l-leminija tiegħu, li ġarrbet xi ħsara mat-tisbita fil-

[37] *A fol.* 488 tal-proċess.
[38] *A fol.* 512 tal-proċess.
[39] *A fol.* 516 tal-proċess.

*lift*. Ikkonkludew li konsegwenza tal-inċident, dan l-attur ser jibqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 3%.

L-esperti mediċi addizzjonali eżaminaw ukoll lil Carmel Ellul Jnr., u fir-rapport tagħhom[40] qablu li minkejja li dan diġà kellu xi ħsara f'irkopptu qabel l-inċident, wara dan l-inċident id-deġenerazzjoni fl-irkoppa żdiedet b'rata mgħaġġla ħafna, u apparti li żdiedu s-sintomi, hemm probabbilità akbar li dan ser ikollu jagħmel *total knee replacement* ħafna qabel iż-żmien. Huwa għalhekk li l-esperti mediċi addizzjonali kkonkludew li dan l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 10% b'konsegwenza tal-inċident.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tagħmel analiżi tal-provi miġjuba fil-kawża sabiex tiddetermina l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident, u dan qabel kull konsiderazzjoni oħra marbuta ma' danni li l-atturi jippretendu li għandhom jitħallsu lilhom. Imma qabelxejn l-Qorti tirrileva li s-soċjetà kjamata fil-kawża, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qajmet l-eċċezzjoni li dawn il-proċeduri huma preskritti fil-konfront tagħha, u dan għaliex minkejja li l-inċident seħħ fit-13 ta' Novembru, 2011, hija ġiet imsejħa f'dawn il-proċeduri permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fis-17 ta' April, 2015, u għalhekk kien laħaq iddekorra l-perijodu preskrittiv ta' sentejn biex jinbdew proċeduri bħal dawn quddiem il-Qorti. Il-kjamata fil-kawża eċċepiet l-applikazzjoni tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili għas-sitwazzjoni odjerna, liema artikolu jipprovdi li l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat, taqa' bi preskrizzjoni bl-

[40] *A fol.* 523 tal-proċess.

għeluq ta' sentejn. Din il-Qorti tqis qabelxejn li skont il-ġurisprudenza prevalenti, mhuwiex konsentit li l-eċċezzjoni bħalma hija dik tal-preskrizzjoni, li titqajjem f'nota ta' sottomissjonijiet, imma għandha ssir b'mod formali f'nota tal-eċċezzjonijiet lli tkun debitament maħlufa. Dan sabiex il-kontroparti jkollha kull opportunità li tikkontrobattiha u mhux tingħata mingħajr formalità ta' xejn f'dan l-istadju avvanzat tal-kawża meta d-dibattiment proċesswali f'din l-istanza ġie fi tmiemu. Għalkemm l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża, anki fl-istadju tal-appell, mill-banda l-oħra din ma tistax titqajjem f'nota ta' sottomissjonijiet, imma kellha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tali eċċezzjoni tingħata f'nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, u b'hekk jiġi salvagwardjat id-dritt tal-kontraparti li twieġeb skont il-każ. Għaldaqstant din is-sottomissjoni tal-kjamata fil-kawża hija irritwali u qiegħda tiġi skartata.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi saħqu li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Elmein Limited u kien għalhekk li huma kienu kuntrarji għas-sejħa ta' din il-kumpannija fil-kawża sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri. Huma spjegaw li fil-kwadru kuntrattwali emerġenti mir-relazzjoni ta' bejn l-atturi u l-konvenuti oriġinali, Elmein Limited ma tirraffigura imkien, u li l-uniku vinkolu kontrattwali f'dan il-każ huwa bejn l-atturi, alloġġjati fil-lukanda tas-soċjetajiet konvenuti, u l-lukandiera. Huma sostnew li l-lukandier huwa obbligat jirrispondi lill-alloġġjat jekk dan tal-aħħar iġarrab xi ħsara fuq persuntu frott in-negliġenza jew it-traskuraġni tal-lukandier.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha miġjuba fil-kawża minn fejn jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta kien hemm malfunzjonament fil-*lift* tal-lukanda fejn kienu alloġġati l-atturi flimkien ma' qraba oħrajn tagħhom. L-attur Carmel Ellul Snr. spjega kif meta l-atturi daħlu fil-*lift* fis-seba'

sular tal-lukanda sabiex jinżlu fil-*ground floor,* u għafsu l-buttuna, huwa mill-ewwel sema' ħoss li m'għoġbux, u f'daqqa waħda l-*lift* beda nieżel b'mod aċċellerat. Il-*lift* waqaf b'tisbita meta ingaġġa l-mekkaniżmu tal-*emergency brake,* u l-persuni li kienu fil-*lift* dak il-ħin kellhom jinħarġu bl-assistenza ta' impjegati tal-lukanda. L-għada tal-inċident, rappreżentanti ta' Elmein Limited intalbu jmorru fil-lukanda sabiex jaraw x'seta' kien li kkawża l-inċident, u hemm ġie stabbilit li kien hemm xi *cross-bars* mgħawġin, għalkemm ix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti ma qablux bejniethom dwar jekk il-ħsara fil-*cross-members* kienx riżultat tal-inċident, jew inkella jekk dawn tgħawġux sabiex setgħu jinħarġu l-atturi mil-*lift* wara l-inċident. Il-mara ta' Carmelo Ellul Snr. spjegat li wara li l-atturi nħarġu mil-*lift,* hija semgħet lill-ħaddiem tal-manutenzjoni tal-lukanda jirrimarka mar-*receptionist* li huwa kien ilu jiġbed l-attenzjoni, presumibbilment tal-*management,* li l-*lifts* kienu waslu biex jinbidlu. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li madwar sena wara l-inċident, f'din il-lukanda kien sar *refurbishment* estensiv u kienu nbidlu l-*lifts* kollha. Il-*general manager* tal-lukanda qal l-inċident seħħ għax il-*lift* waqaf fuq l-*emergency brake,* u qal li meta jiskatta l-mekkaniżmu tal-*emergency brake* mhux suppost li jweġġgħu n-nies.

Mill-provi jirriżulta li l-Inġinier Ray Spiteri intalab jagħmel rapport dwar l-inċident aktar minn sena u nofs wara li kien seħħ. Dan qal li hija *safety feature* tal-*lift* li meta *lift* jibda jaċċellera jew jaħdem b'veloċità li tkun tal-inqas 10% aktar min-normal, dan jingaġġa s-*safety gear* b'mod awtomatiku. Dan ix-xhud qal ukoll li l-*lift* in kwistjoni ma kienx l-aqwa tip ta' *lift* li hawn fis-suq, għalkemm qal li kien *lift* adegwat għall-użu kummerċjali. Kompla jgħid li minkejja dan, huwa kien ikkonstata li dan il-*lift* kien jikkonforma mal-istandards Ewropej. Dan ix-xhud qal li fattur li kkontribwixxa għal dan l-inċident kien il-fatt li l-*lift* ma

kienx mgħammar b'*compensating chain,* u spjega li wara l-inċident, il-liftijiet kollha installati minn Elmein Limited bdew jiġu bil-*compensating chain* maħsuba biex tgħin fit-*traction* f'każ li jinqala' xi inċident simili għal dak odjern. Dan ix-xhud qal li l-*lift* kien mantnut b'mod regolari u kien ukoll iċċertifikat b'mod indipendenti. Fil-fatt jirriżulta li ċ-ċertifikazzjoni ta' dan il-*lift* kienet ġiet sottomessa lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kif jirriżulta wkoll mill-provi. Dan ix-xhud eskluda li seta' kien hemm użu ħażin tal-*lift* jew tagħbija aktar milli kien jiflaħ.

Joseph Muscat, direttur tal-kumpannija Elmein Limited, spjega li l-kuntratt li l-kjamata fil-kawża kellha mas-soċjetajiet konvenuti kien jipprovdi għall-manutenzjoni regolari tal-*lifts* u għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom kull sitt xhur. Qal li l-*brake* tal-*lift* ma daħalx fil-ħin tal-inċident għaliex ma kienx hemm *overspeeding* biżżejjed. F'dan ir-rigward hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li xehed l-Inġinier Spiteri, li qal li l-inċident seħħ meta ddaħħal il-mekkaniżmu tal-*emergency brake,* u dak li xehed Joseph Muscat, id-direttur tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Dan ix-xhud qal li mill-*jobsheets* ippreżentati jirriżulta li l-*lift* in kwistjoni kien jiġi spezzjonat regolarment qabel seħħ l-inċident, u l-aħħar spezzjoni fil-fatt kienet saret madwar tliet ġimgħat qabel l-inċident, u mill-istess *jobsheets* jirriżulta li l-*cross-members* li tgħawġu kienu inbidlu jumejn wara. Dan ix-xhud wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li l-*machine room* tal-lukanda kienet titħalla miftuħa u kulħadd kellu aċċess għaliha.

Il-Qorti tqis li skont dak li jirriżulta mill-provi, u minkejja l-fatt li jirriżulta li l-*lifts* in kwistjoni kienu jiġu mantenuti b'mod regolari, dan l-inċident ma kienx iseħħ li kieku mhux għaliex il-kumpanniji konvenuti, operaturi tal-lukanda in kwistjoni, naqsu mill-obbligu tagħhom li jaraw li t-tagħmir kollu tal-lukanda kien

qiegħed jiffunzjona b'tali mod li ma jipperikolax is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni alloġġati fil-lukanda. Jirriżulta mill-provi li hekk kif l-atturi daħlu fil-*lift* u xi ħadd minnhom għafas il-buttuna li permezz tagħha indika fejn riedu jieqfu, huma mill-ewwel semgħu ħoss li ħassibhom, filwaqt li l-*lift* mill-ewwel beda jaċċellera 'l isfel, tant hu hekk li kemm Carmelo Ellul Snr., kif ukoll Stephanie Ellul xehdu li huma qabdu ma' pum li kien hemm fil-*lift* sabiex jevitaw li jaqgħu fl-art. L-użu ħażin mill-persuni li għamlu użu mil-*lift* ġie eskluż anki mill-Inġinier Spiteri, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li f'dan il-*lift* kien hemm aktar persuni milli kien jiflaħ jew li dawn għamlu xi ħaġa li permezz tagħha pperikolaw is-sigurtà tagħhom fil-*lift.* Jirriżulta wkoll li t-tibdil tal-*lifts* kien inkluż fil-programm ta' xogħlijiet ta' *refurbishment* li saru fil-lukanda madwar sena wara l-inċident, u għalhekk dan il-fattur waħdu jindika li dak li semgħet ix-xhud Josephine Ellul minn ħaddiem tal-*maintenance*, li l-*lift* kien "wasal", kien minnu. Mill-provi jirriżulta wkoll li ftit taż-żmien wara l-inċident, fil-liftijiet kollha tal-lukanda ġie installat *compensating chain,* li ma kienx hemm qabel, u dan sabiex jiġi assigurat li ma terġax tinħoloq sitwazzjoni fejn *lift* jitlef mit-*traction* tiegħu hu u nieżel.

Il-Qorti qieset ukoll li l-kumpannija Elmein Limited kienet il-fornitur tal-*lift*, u l-entità li ħadet ħsieb tiċċertifika regolarment li dawn il-liftijiet kienu mantnuti kif suppost. Mill-provi jirriżulta wkoll li sa tliet ġimgħat qabel seħħ l-inċident, din il-kumpannija ċċertifikat li l-*lift* in kwistjoni kien fi stat tajjeb biex jintuża. Jirriżulta wkoll iżda li wara l-inċident in kwistjoni, ħaddiema tal-kumpannija Elmein sabu l-*cross-members* tal-*lift* mgħawġin u kellhom jibdluhom, u wara l-inċident il-manifattur Spanjol kien irrakkomanda li titwaħħal *compensating chain* f'*lifts* bħal dak dak mertu ta' dawn il-proċeduri. Ċertament li ma jistax jintqal li għaliex bejn l-atturi u s-soċjetà kjamata fil-kawża m'hemm l-ebda

rapport kuntrattwali, din m'għandhiex twieġeb għall-akkadut. Ma jistax ikun li tliet ġimgħat wara li *lift* jiġi ċċertifikat tajjeb għall-użu, naturalment wara li jsiru testijiet rigorużi skont l-ispeċifikazzjonijiet f'dan il-qasam, iseħħ inċident bħall-inċident mertu tal-kawża. Jekk tabilħaqq l-inċident seħħ għaliex il-*lift* kien wasal biex jinbidel, il-ħaddiema tal-kjamata fil-kawża kellhom l-obbligu li jiġbdu l-attenzjoni tas-soċjetajiet konvenuti dwar dan, u mhux jiċċertifikaw li l-*lift* kien tajjeb biex jibqa' jintuża. Jirriżulta wkoll li wara li seħħ l-inċident, il-manifattur tal-*lift* in kwistjoni beda jirrakkomanda t-twaħħil ta' *compensating chain,* li l-funzjoni tagħha hija biex tgħin fit-tnaqqis tat-*traction* f'każ li jinqala' xi incident bħal dak odjern. Il-benefiċċju li *lift* ikun mgħammar b'din it-tip ta' katina li sservi wkoll bħala kontra-piż, ġie spjegat lill-Qorti mill-Inġinier Spiteri. Possibbli li fis-snin kollha li fihom kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-kjamata fil-kawża u s-soċjetajiet konvenuti, dawn qatt ma rrakkomandaw it-twaħħil ta' katina bħal din sabiex tiżdied is-sigurtà tal-persuni li jużaw il-*lift?* Hawn qed nitkellmu fuq *lift* installat f'lukanda b'diversi sulari, li ta' kuljum jintuża minn mijiet ta' persuni.

Wara li semgħet il-provi kollha li tressqu quddiemha, il-Qorti tqis li kemm is-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll il-kjamata fil-kawża għandhom iwieġbu għall-akkadut. Mhux biżżejjed għal-lukandier li jistrieħ fuq il-fatt li t-tagħmir ipprovdut minnu fil-lukanda tiegħu jikkonforma mal-i*standards* tas-suq, jew li dan kien jibgħat għall-inġiniera kull tant żmien sabiex jiċċertifikaw li l-*lift* qiegħed jiffunzjona tajjeb. Jekk *lift* kien ilu jintuża tant snin li kien wasal biex jinbidel, kif fil-fatt jirriżulta li sar, jew jekk *lift* seta' jiġi mgħammar b'tagħmir aktar sigur, bħal ma hija l-*compensating chain,* sabiex jiġu evitati infortunji simili għal dak li ġarrbu l-atturi, kien obbligu tas-soċjetajiet konvenuti li jassiguraw li dan isir. Il-Qorti lanqas ma fehmet x'kienet ir-raġuni għalfejn is-

soċjetajiet konvenuti stennew sena u nofs wara l-inċident qabel talbu lill-Inġinier Spiteri jagħmel ir-rapport tiegħu. Huma dawn il-fatturi li jindikaw li kien hemm nuqqas ta' diliġenza u prudenza da parti tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawża, kemm minħabba li kien hemm tagħmir li seta' jiġi installat għas-sigurtà aħjar tal-utenti tal-*lift,* kif ukoll minħabba l-mod kif dawn imxew wara l-inċident.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-atturi in segwitu għall-inċident in kwistjoni.

*Damnum Emergens:*

L-atturi ppreżentaw għadd ta' irċevuti maħruġa minn kliniċi privati għad-diversi visti li kellhom ma' Mr Thomas Azzopardi.[41] Minn dawn l-irċevuti jirriżulta li kull wieħed mill-atturi ħallas €250 għar-rapport mediku mħejji minn Mr Azzopardi, kif ukoll li ħallsu €50 għal kull konsultazzjoni li attendew ma' dan il-konsulent. Mill-provi jirriżulta li Stephanie Ellul ħallset €250 għar-rapport mediku, u attendiet żewġ visti privati għand Mr Thomas Azzopardi (€50 x 2); Carmel Ellul Snr. ħallas €250 għar-rapport mediku u attenda tliet visti ma' Mr Azzopardi (€50 x 3); Carmel Ellul Jnr. ħallas €250 għar-rapport mediku u attenda erba' visti ma' Mr Azzopardi (€50 x 4); filwaqt li Brian Farrugia ħallas €250 għar-rapport mediku, u attenda żewġ visti ma' Mr Azzopardi (€50 x 2). Jirriżulta li Carmelo Ellul Snr. ħallas €7 x 2 *hospital fee* tal-Isptar Saint James u €50 għal vista oħra li attenda f'dan l-istess sptar.[42]

[41] *A fol.* 356 *et seq.* tal-proċess.

[42] *A fol.* 376, 377 u 378 tal-proċess.

Dan ifisser li d-danni materjali għandhom jiġu likwidati b'dan il-mod:

Carmel Ellul Snr. - € 464;

Carmel Ellul Jnr. - € 450;

Brian Farrugia - € 350;

Stephanie Ellul - € 350.

*Lucrum Cessans:*

Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-atturi kienu fi stadji differenti ta' ħajjithom, bil-missier Carmelo Ellul Snr. li kien diġà irtirat mix-xogħol, Carmel Ellul Jnr. u Brian Farrugia li kienu jaħdmu, filwaqt li Stephanie Ellul kienet studenta u kienet impjegata fuq bażi *part-time.* Il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ ta' kull wieħed mill-atturi b'konsegwenza tal-inċident.

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta

fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

*Carmel Ellul Snr.:*

Jirriżulta li meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-atturi Carmelo Ellul Snr. kien diġà irtirat mix-xogħol għaliex xi snin qabel kien esperjenza problemi ta' saħħa, għalkemm kien baqa' jaħdem bħala bidwi *part-time.* Mill-provi ma jirriżultax kemm kien id-dħul li Ellul kellu mix-xogħol *part-time* li kien jagħmel, għalkemm jirriżulta li d-dħul tiegħu mill-pensjoni fis-sena ta' wara li seħħ l-inċident kien ta' €6,978.88. Minkejja dan jirriżulta li fis-sena meta seħħ l-inċident, l-2011, il-paga minima nazzjonali għal persuna li tkun qabżet it-18-il sena kienet tammonta għal €7,979.40. Il-Qorti tqis li jkun aktar ġust illi f'din is-sitwazzjoni tapplika bħala dħul bażiku ta' dan l-attur, il-paga minima nazzjonali, ladarba ġie stabbilit li dan kien jagħmel xogħol *part-time* u ladarba jirriżulta li d-dħul tiegħu fis-sena 2012 ma kienx id-dħul mill-pensjoni tal-irtirar iżda kien dħul li jirrifletti l-fatt li huwa waqaf mill-impjieg mal-bank fejn kien jaħdem minħabba mard. Minn dan l-ammont ser jitnaqqas l-ammont ta' 10% rappreżentanti kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, sabiex b'hekk il-Qorti sejra tadotta bħala dħul bażiku l-ammont ta' €7,181.46.[43] Dan l-ammont irid jiżdied

[43] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[44] Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2011 għalhekk ser tiġi aġġustata abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[45]*,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa d-dħul medju li l-attur Carmel Ellul Snr. fl-ammont ta' €7,181.46 + €8,092.64 (*multiplier* ta' 8) / 2 = €7,637.05. Huwa dan l-ammont ta' dħul bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' 56 sena, li hija l-età li kellu l-attur Carmel Ellul Snr. fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* għandu jkun ta' 8, tenut kont li dan kien diġà waqaf mix-xogħol tiegħu fiż-żmien tal-inċident iżda seta', kieku ried u kieku l-istat ta' saħħtu ppermettielu, jibqa' jaħdem, kif fil-fatt jirriżulta li kien jaħdem bħala bidwi *part-time.* F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[46], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni

[44] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2011-2015 kienu hekk: 2011 – 2.72%; 2012 – 2.42%; 2013 – 1.38%; 2014 – 0.31% u 2015 – 1.10% Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' –2.72 + 2.42 + 1.38 + 0.31 + 1.10 = 7.93/5 = 1.59%.

[45] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

[46] P.A., 10.05.2005.

> kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ tal-attur Carmel Ellul Snr., il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' diżabilità permanenti li kien hemm qbil dwaru mill-esperti mediċi ġudizzjarji addizzjonali, partikolarment għaliex dawn kienu l-esperti mediċi li l-aħħar li eżaminaw lil dan l-attur. Fil-fatt ġie stabbilit li konsegwenza ta' l-inċident, Carmel Ellul Snr. ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' 4%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza, għalkemm f'dan il-każ ma jistax jingħad li kien hemm xi dewmien minn xi parti jew oħra sabiex dawn il-proċeduri setgħu jinġiebu fi tmiemhom.

Is-salarju medju ta' €7,637.05 x *multiplier* ta' 8 x 4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur Carmelo Ellul Snr. iwasslu għal ċifra ta' €2,443.86 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' €1,955.08. Ma' dan l-ammont iridu jingħaddu l-€464 f'danni materjali li diġà ġie stabbilit li ntefqu minn dan l-attur b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, sabiex b'hekk fil-każ ta' dan l-attur, id-danni totali li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-

konvenuti solidalment bejniethom huwa ta' elfejn, erba' mija u dsatax-il Euro u tmien ċenteżmi (€2,419.08).

*Stephanie Ellul:*

Jirriżulta mill-provi li meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi Stephanie Ellul kienet studenta fit-tielet sena tal-kors tal-liġi u li kienet taħdem ukoll *part-time*. Hija qalet li wara l-inċident, l-impjieg *part-time* kellha twaqqfu minħabba fil-problemi li żviluppaw f'saħħitha. Din l-attriċi ma ġabet l-ebda prova tad-dħul tagħha fiż-żmien meta seħħ l-inċident, iżda ġabet prova tad-dħul li eventwalment bdiet tipperċepixxi wara li laħqet avukat u sabet impjieg. Il-Qorti iżda ma tistax tibbaża l-komputazzjoni tagħha fuq dawk iċ-ċifri, u d-dħul bażiku tal-attriċi meta seħħ l-inċident ser jiġi kkomputat għal darb'oħra fuq il-paga minima nazzjonali fis-sena rilevanti. Kif diġà ġie rilevat, fis-sena 2011, il-paga minima nazzjonali għal persuna li tkun qabżet it-18-il sena kienet tammonta għal €7,979.40. Minn dan l-ammont ser jitnaqqas l-ammont ta' 10% rappreżentanti kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, sabiex b'hekk il-Qorti sejra tadotta bħala dħul bażiku l-ammont ta' €7,181.46.[47] Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[48] Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2011 għalhekk ser tiġi aġġustata abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa d-dħul medju tal-attriċi fl-ammont ta' €7,181.46 + €11,177.942 (*multiplier* ta' 35) / 2 = €9,179.70. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

[47] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

[48] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2011-201 kienu hekk: 2011 – 2.72%; 2012 – 2.42%; 2013 – 1.38%; 2014 – 0.31% u 2015 – 1.10% Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' –2.72 + 2.42 + 1.38 + 0.31 + 1.10 = 7.93/5 = 1.59%.

Bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' 21 sena, li hija l-età li kellha Stephanie Ellul fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* għandu jkun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tagħha trid taħdem mill-inqas sakemm ikollha 65 sena sabiex tilħaq l-età pensjonabbli.

Fil-każ odjern il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' diżabilità permanenti kkonstatat minn Mr Ray Gatt, li wara li eżamina lill-attriċi wasal għall-konklużjoni li din ser tibqa' ssofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 10%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza, għalkemm f'dan il-każ ma jistax jintqal li kien hemm xi dewmien minn xi parti jew oħra sabiex dawn il-proċeduri setgħu jinġiebu fi tmiemhom.

Is-salarju medju ta' €9,179.70 x *multiplier* ta' 35 x 10% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, jwasslu għal ċifra ta' €32,128.95 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' €25,703.16. Ma' dan l-ammont iridu jingħaddu t-€350 f'danni materjali li ġie stabbilit li ntefqu mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident, sabiex b'hekk id-danni totali li sofriet l-atriċi b'konsegwenza tal-inċident li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti solidalment bejniethom, huwa ta' sitta u għoxrin elf, u tlieta u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€26,053.16).

*Brian Farrugia:*

Mill-provi jirriżulta li fis-sena meta seħħ l-inċident, l-attur Brian Farrugia, li huwa *self-employed,* iddikjara qligħ qabel it-taxxa ta' €12,675 li minnhom irid ikun hemm tnaqqis ta' €116 taxxa, sabiex b'hekk jirriżulta qligħ nett ta' €12,559. Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[49] Huwa għalhekk li dan id-dħul tal-attur ser jiġi aġġustat abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kienet mistenni jipperċepixxi fl-ammont ta' €12,559 + €16,952.14 (*multiplier* ta' 22, kif indikat mill-attur fil-prospett ippreżentat minnu) / 2 = €14,755.56. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Fil-każ odjern il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' diżabilità permanenti li kien hemm qbil dwaru mill-esperti mediċi ġudizzjarju addizzjonali, partikolarment minħabba li dawn kienu l-esperti mediċi li l-aħħar li eżaminaw lill-attur. Fil-fatt ġie stabbilit minnhom li b'konsegwenza tal-inċident, Brian Farrugia ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' 3%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza, għalkemm f'dan il-każ ma

[49] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2011-201 kienu hekk: 2011 – 2.72%; 2012 – 2.42%; 2013 – 1.38%; 2014 – 0.31% u 2015 – 1.10% Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' –2.72 + 2.42 + 1.38 + 0.31 + 1.10 = 7.93/5 = 1.59%.

jistax jintqal li kien hemm xi dewmien minn xi parti jew oħra sabiex dawn il-proċeduri setgħu jinġiebu fi tmiemhom.

Is-salarju medju ta' €14,755.56 x *multiplier* ta' 22[50] x 3% diżabilità permanenti sofferta mill-attur Brian Farrugia iwasslu għal ċifra ta' €9,738.67 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' €7,790.93. Ma' dan l-ammont iridu jingħaddu t-€350 f'danni materjali li diġà ġie stabbilit li ntefqu mill-attur b'konsegwenza tal-inċident, sabiex b'hekk id-danni it-totali li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti solidalment bejniethom huwa ta' tmint elef, mija u erbgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€8,140.93).

*Carmel Ellul Jnr.:*

Jirriżulta li fis-sena immedjatament qabel is-sena meta seħħ l-inċident, dan l-attur kellu dħul gross ta' €24,055.63, li minnhom tħallsu €2,109 f'taxxa u €1,711.32 f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, sabiex b'hekk id-dħul nett ta' dan l-attur kien ta' €20,235.31.[51] Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[52] Id-dħul tal-attur fiż-żmien rilevanti għalhekk ser jiġi aġġustat abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier,* sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kienet mistenni jipperċepixxi fl-ammont ta' €20,235.31

---

[50] Kif indikat minn dan l-attur fil-prospett ippreżentat minnu.

[51] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

[52] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2011-201 kienu hekk: 2011 – 2.72%; 2012 – 2.42%; 2013 – 1.38%; 2014 – 0.31% u 2015 – 1.10% Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' –2.72 + 2.42 + 1.38 + 0.31 + 1.10 = 7.93/5 = 1.59%.

+ €27,313.62 (*multiplier* ta' 22 kif indikat fil-prospett tal-attur) / 2 = €23,774.47. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Fil-każ odjern il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' diżabilità permanenti li kien hemm qbil dwaru mill-esperti mediċi ġudizzjarju addizzjonali, partikolarment għaliex dawn kienu l-esperti mediċi li l-aħħar li eżaminaw lill-attur. Fil-fatt ġie stabbilit minnhom li b'konsegwenza tal-inċident, l-attur Carmel Ellul Jnr. ser jibqa' jbati minn debilità permanenti ta' 10%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza, għalkemm f'dan il-każ ma jistax jintqal li kien hemm xi dewmien minn xi parti jew oħra sabiex dawn il-proċeduri setgħu jinġiebu fi tmiemhom.

Is-salarju medju ta' €23,774.46 x *multiplier* ta' 22 x 10% diżabilità permanenti sofferta mill-attur Carmel Ellul Jnr., iwasslu għal ċifra ta' €52,303.81 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' (€41,843.05. Ma' dan l-ammont iridu jingħaddu l-€450 f'danni materjali li diġà ġie stabbilit li ntefqu mill-attur b'konsegwenza ta l-inċident, sabiex b'hekk id-danni totali li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti solidalment bejniethom huma ta' tnejn u erbgħin elf, mitejn u tlieta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€42,293.04).

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawża;**

2. **Filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi, twarrab is-sottomissjonijiet tagħhom fir-rigward tal-kjamata fil-kawża, u tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lil kull wieħed mill-atturi kif ġej: (i) elfejn erba' mija u dsatax-il Euro u tmien ċenteżmi (€2,419.08) lill-attur Carmelo Ellul Snr.; (ii) tnejn u erbgħin elf mitejn u tlieta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€42,293.04) lill-attur Carmel Ellul Jnr.; (iii) tmint elef mija u erbgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmi (€8,140.93) lill-attur Brian Farrugia u sitta u għoxrin elf u tlieta u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€26,053.16) lill-attriċi Stephanie Ellul;**

3. **Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti u lill-kjamata fil-kawża solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi d-danni hekk kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti u l-kjamata fil-kawża *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**